MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JOSEPH CASSAR**

Seduta ta' l-24 ta' Gunju, 2004

Numru 238/1999

**Il-Pulizija**

(Spettur Ian Joseph Abdilla)

**vs**
**Anthony Boyianzis**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Anthony Boyianzis ta' 44 sena iben Basilio u Maria Dolores nee' Falzon imwieled Hamrun fis-7 ta' Ottubru 1956 u joqghod "Tamara", Capadoccia Street, Qormi, numru tal-karta ta' l-Identita 660456(m)
Talli f'diversi bnadi f'dawn il-Gzejjer, bejn l-20 ta' April 1998 u l-1 ta' Mejju 1998, b'diversi atti maghmulin fi

zmienijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda;
B'mezzi kontra l-Ligi, jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq iehor, ingann jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza dwar xi grajja kimerika ghamel qliegh b'qerq ta' aktar minn Lm1, 649 bi hsara ta' 'Star Travel Limited' u dan bi ksur ta' l-Artikoli, (308), (309) u (310) tal-kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.
Rat in-nota ta' l-Avukat Generali
Rat li l-akkuzat ma oggezzjonax li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja
Semghet ix-xhieda bil-gurament
Rat l-atti u d-dokumenti kollha
Ikkunsidrat,
1. L-akkuza tirreferi ghaz-zmien 20 ta' April 1998 – 1 ta' Mejju 1998. Fl-ewwel jum imsemmi l-akkuzat hareg zewg cekkijiet li ghaddihom lil 'Star Travel Limited' fuq il-Mid-Med Bank fl-ammont ta' Lm1,649.60 kull wiehed. Qabel kien hareg cekkijiet ohra ghall-istess haga u ammont, pero l-akkuza kif issottomiet id-difiza, ma tirreferiex ghalijha. Ic-cekkijiet kienu jirrapprezentaw biljetti, ghal safra lejn il-Marokk, li inbiegh f'Malta. Dawn ic-cekkijiet ma setghux jissarfu ghax l-akkuzat ma kellux flus il-Bank. Il-Kumpanija "Star Travel Limited" u l-akkuzat kienu ghamlu negozji ohra u l-akkuzat kellu jiehu xi ammont ta' flus.
2. Dwar l-akkuza u t-tifsir taghha fil-gurisprudenza il-Qorti taghmel referenza shiha ghas-sentenzi moghtija minn l-Onorabli Qorti tal-Appelli u 'Il-Pulizija vs Willoughby' u ir-re ' Il-Pulizija vs Petroni' fejn hemm gabra ta' sentenzi dwar l-elementi li jikkostitwixxu noti taht l-Artikoli 308, 309 u 310 (1) (b) tal-kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
"… mhux kull cheque li ma jigiex onorat mill-Bank necessarjament jammonta ghar-reat ta' truffa (Artikolu 308) jew ghar-reat minuri, izda kompriz u involut f'dak ta' truffa, ta' lukru frewdolent innominat (Artikolu 309) u dan hu hu anke jekk kemm il-darba jirrizulta li meta inhareg ic-cheque, jew meta kellu jigi msarraf, minn hargu kien jaf li

ma hemmx flus fil-kont relattiv. Kif tajjeb osservat il-Qorti Kriminali, kolleggjalment komposta fis-sentenza ta' 29 ta' Novembru 1922 fl-ismijiet "Sua Maesta' Il-Re vs Antonio Demicoli" mhux kull forma ta' lokupletazioni ossia arikkiment maghmula a dannu ta' haddiehor tammonta ghall-frodi fis-sens tal-Ligi penali. Fil-Ligi taghna biex ikun hemm it-truffa jew il-frodi innominata irid ikun gie perpetwat mill-agent xi forma ta' ingann jew qerq, liema ingann jew qerq ikun iwassal lil vittma sabiex taghmel jew tnaqqas milli taghmel xi haga li ggibilha telf patrimonjali bil-konsegwenti qliegh ghall-agent…. Dan it-telf hafna drabi ikun jikkonsisti filli l-vittma propju ghax tkun ingannata, volontarjament taghti xi haga lill-agent.

…..Jekk l-ingann jew qerq jkun jikkonsisti f'raggiri dik li fid-duttrina jissejjah ukoll mise en scene ikun hemm truffa; jekk le, ikun hemm ir-reat minuri ta' frodi innominata (jew lukru frewdolent innominat).

….. Naturalment, il-hrug ta' cheque fuq kont bla flus <u>jista jkun</u> propju <u>l-mezz</u> ta' ingann adoperat biex <u>jinduci lil dak li jkun sabiex jaghmel jew jonqos milli jaghmel</u> xi haga li ggieblu telf patrimonjali lil konsegwenti gwadan ghall-agent…..

3. Il-qerq konsistenti fil-hrug taz-zewg cekkijiet li ma jistghux jissarfu b'ebda mod ma wassal lis-Socjeta 'Star Travel Limited' biex taghmel jew tonqos milli taghmel xi haga li gabitilha telf bil- konsegwenti staghnar ta' l-akkuzat. Lanqas ma jiffigura r-reat ta' lukru frewdolent innominat. Dak li ghamel l-akkuzat la hu moralment tajjeb u lanqas tajjeb ghall-kummerc imsejjes fuq valuri ta' fiducja. Imma l-ghemil ma jikkostitwiex ir-reat kontemplat fl-akkuza.

Ghalhekk il-Qorti ssib lil akkuzat mhux hati skond l-akkuza u tehilsu minn kull htija u kastig

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------